MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2012

Numru 1048/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**vs.**

**Seejay Cardona**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Seajay Cardona**, ta' ghoxrin (20) sena, iben Caroline Cardona, imwieled Pieta' fit-23 ta' Gunju 1992, detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 312192M u residenti 26/27, Triq it-Torri, Msida, li gie akkuzat talli:

bejn ix-xahar ta' Lulju 2012 u d-9 ta' Settembru 2012 ikkommetta serq ta' oggetti tad-deheb ghad-dannu ta' Paul Peter Borg minn Hal Qormi, liema serq huwa izjed

minn elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Euro u tmienja u tletin centezmu (€2329.38) u huwa aggravat bil-valur, bil-persuna u bil-post.

Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement f'Malta laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod indahal biex ibieghhom jew imexxihom bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li waqt is-seduta tallum, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li kkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, fis-seduta tallum, id-dikjarazzjoni tal-kwerelant Paul Peter Borg u tad-difiza rigward il-valur tac-curkett, li gie mmarkat bhala Dok. "JA 1".

Rat ukoll li l-valur tal-oggetti kollha misruqa mill-imputat, ghajr ghac-curkett li saret riferenza ghalih fil-paragrafu precedenti, jammontaw ghal tlitt'elef, sitt mija u tnax-il Euro u hmistax-il centezmu (€ 3612.15).

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat hija alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nfilitta il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi: fosthom in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-kooperazzjoni tieghu mal-

Pulizija u kif ukoll, b'mod partikolari, il-fatt li f'kaz li l-imputat jinghata piena ta' prigunerija effettiva ma jkunx f'pozizzjoni li jhallas l-ebda ammont lill-kwerelant Paul Peter Borg u ghaldaqstant ikun ghaqli li l-imputat jinghata sentenza li permezz taghha jkun jista' fi zmien qasir ihallas lura l-valur tal-oggetti misruqa, ghajr ghall-valur tac-curkett (li gie ezebiet fl-atti ta' dawn il-proceduri) u fin-nuqqas jiskonta piena ta' prigunerija.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, in segwitu tad-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur li t-tieni (2) imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) imputazzjoni, u wara li rat Artikoli 261(c), 261(d), 261(e), 267, 268(b) u 269(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sentejn prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal erba' snin u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28H tal-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien sitt (6) xhur millum ihallas lill-kwerelant Paul Peter Borg is-somma ta' tlitt'elef, sitt mija u tnax-il Euro u hmistax-il centezmu (€ 3612.15).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien erba' snin jew jekk ma jhallasx l-ammont ta' € 3,612.15 fiz-zmien lilu moghti.

Il-Qorti tordna li *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------